


# SHAREHOLDERS' NEWS

**Malta Association of Small Shareholders - MASS VO 0629**


*Address: C/O Malta Stock Exchange Plc.*
*Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063 - Malta*
*website: mass.org.mt email: info@mass.org.mt*

## Editorjal *minn Tarcisio Barbara*



Għeżież Azzjonisti,

Nispera li tinsabu tajbin bħalma ninsabu aħna. Ix-xogħol tal-MASS issa qabad ir-rankatura bi preparazzjoni għal-laqgħat ġenerali annwali tal-Kumpaniji; fil-fatt diġà bdejna niltaqgħu mal-Uffiċjali u *Management* tal-Kumpaniji, sabiex jagħtuna informazzjoni fuq il-Kumpaniji tagħhom u nagħmlu dawk il-mistoqsijiet u suġġerimenti li niġbru mingħandkom.

Issa wkoll għandna l-preparamenti kollha lesti, sabiex nagħmlu l-laqgħa ġenerali annwali tal-MASS, li ser issir fl-14 ta' Marzu. Għaldaqstant inħeġġukom minn issa, biex tkunu ppreparati biex tattendu u tressqu s-suġġerimenti, kjarifiki, kritika u xi mistoqsijiet li jista' jkollkom, ħalli nkomplu ntejbu l-qagħda tal-Assoċjazzjoni MASS u b'hekk tibbenefikaw intom il-membri. Għaldaqstant inkomplu nħeġġu biex aktar Investituri żgħar jidħlu membri fil-MASS sabiex nikbru u nissaħħu. Nixtiequ wkoll li jkollna membri ġodda li jinnominaw ruħhom għall-Kumitat il-ġdid.

Intant, dan huwa t-tieni magażin ta' din is-sena, bħas-soltu b'tagħrif u artikli interessanti. F'din in-*Newsletter*, numru 80 għal Frar 2024, se ssibu l-**Editorjal** miktub minni Tarcisio Barbara, bħala Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi tal-MASS. Wara għandkom l-**Impenji tal-MASS**, miktuba minni wkoll fejn qed nirrapportaw l-impenji kollha li kellha l-MASS fix-xhur ta' Novembru, Diċembru 2023 u Jannar 2024. Wara jkun imiss artiklu importanti ħafna mill-MASS: **X'jixtiequ l-Investituri ż-Żgħar biex jaraw is-Suq Lokali tal-Ishma jitjieb?** Fl-aħħar għandkom iċ-**Ċirkolari-Avviż għal-Laqgħa Ġenerali Annwali (LĠA) tal-MASS 2024** u li se ssir fl-14 ta' Marzu, fil-Hilltop Gardens, in-Naxxar. Fl-aħħar nett, f'paġna 15 issibu **Appell għal-Laqgħa Ġenerali tal-MASS** mill-Aġent President Alfred Portelli u l-**Avviżi**.

Jalla, din id-darba wkoll, issibu din ir-rivista interessanti. Min-naħa tagħna nixtiequ nisimgħu l-kummenti tagħkom. Nixtieq ukoll f'isem sħabi nirringrazzja lil numru kbir ta' membri li kitbulna, jew ċemplulna biex jirringrazzjawna, kif ukoll tawna l-appoġġ kollu biex nibqgħu mexjin kif aħna. Min għandu xi artiklu li nistgħu nippubblikawh, jekk jogħġobkom għadduhulna. Nirringrazzjakom ħafna tal-appoġġ u nirringrazzja b'mod speċjali lill-i*sponsors* kollha li tarawhom fil-lista **Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders (MASS)** fl-aħħar paġna. Inrodd ħajr ukoll f'isem il-MASS lill-kontributuri kollha għal dan il-fuljett.

***Disclaimer***

*L-artikli f'dan il-fuljett qed jiġu ppubblikati biss għal skop ta' informazzjoni u m'għandux jiġi interpretat bħala parir dwar investiment, legali jew fiskali, jew bħala rakkomandazzjoni biex tixtri, tbigħ, jew iżżomm xi sigurtà, strateġija ta' investiment jew settur tas-suq. Investituri prospettivi huma dejjem imħeġġa biex jikkonsultaw mal-Konsulent tal-Investiment tagħhom qabel ma jagħmlu investiment. Il-prestazzjoni tal-passat mhijiex garanzija ta' riżultati futuri, u l-valur tal-investimenti jista' jinżel kif ukoll jiżdied. Il-MASS ma taċċetta l-ebda responsabbiltà tkun xi tkun għal kwalunkwe spiża, telf jew danni li jirriżultaw minn, jew b'xi mod konness mal-użu ta' dawn l-artikli kollha jew xi parti minnhom.*

**Editur, ritratti u ssettjar: Tarcisio Barbara**
**Qari tal-Provi: Paul Callus**
**Disinn tal-Logo u Stampat:**
**Print Right Ltd. - Ħal Qormi**

***Kulma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.***

**Indirizz**

NEWSPAPERPOST



# Impenji tal-MASS Novembru, Diċembru 2023, Jannar 2024

*Minn Tarcisio Barbara*

**Fl-1 ta' Novembru 2023**, f'nofsinhar, Delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS ħadet sehem f'laqgħa mal-Bank BOV, fil-House of Four Winds, il-Belt Valletta. Min-naħa tal-Kumitat tal-MASS konna 5 persuni u għall-Bank kien hemm iċ-Ċermen, Dr Gordon Cordina, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Kenneth Farrugia, u s-Segretarja Dr Ruth Spiteri Longhurst. Fil-bidu saret introduzzjoni qasira mill-Aġent President tal-MASS, is-Sur Alfred Portelli, fejn tkellem fuq il-baġit tal-Gvern, fuq ix-xewqa li jintgħataw id-dividendi lill-Azzjonisti u fuq l-inizjattivi edukattivi li qed jittieħdu għall-investituri ż-żgħar. Iċ-Ċermen qal li 50% tas-self imorru għad-djar u 50% għan-negozju u dan biex ikun hemm stabbilità. Huwa qal li peress li hemm ir-reċessjoni f'pajjiżi oħra qegħdin attenti għas-self li qed jagħtu.



l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tkellem fuq id-dividend tal-bank; hu qal li sa issa kull ma ntqal rigward il-bank qed jiġi implimentat. Is-sitwazzjoni tjiebet u għaldaqstant issa bdew jitqassmu d-dividendi u jisperaw li se jkomplu. Is-Sur Farrugia qal ukoll li l-għada kienu se joħorġu r-riżultati tad-disa' xhur. Fuq l-ESG il-bank qed jagħmel ħafna għall-ambjent u qed jittieħdu diversi inizjattivi favur enerġija nadifa. Fuq l-edukazzjoni qal li qed isiru sessjonijiet fuq l-i*scams* li qed jintbagħtu biex il-pubbliku joqgħod aktar attent. Is-servizz lill-klijenti qed ikompli jitjieb u qed iwessgħu l-aċċessibiltà fil-friegħi tal-Bank, kif ukoll qed jiżdiedu s-servizzi. Fl-aħħar qal li żammew il-*footprint* fil-pajjiż biex jagħtu servizz aħjar lill-klijenti.

Anthony Farrugia staqsa għaliex fir-rigward tal-bonds li ħarġu, l-azzjonisti ma ġewx ippreferuti. Ir-risposta kienet li dawn il-bonds ma kinux jgħoddu għall-Investituri ż-żgħar u b'dawn il-bonds issa hawn aktar serħan tal-moħħ lill-Azzjonisti u b'hekk is-saħħa tal-istess Azzjonisti żdiedet. Kien hemm mistoqsijiet oħra fuq il-*loan book* li se jinbiegħ. Ir-risposta kienet li issa b'dan il-bejgħ l-Azzjonisti se jmorru aħjar għax fuq il-karta tal-bilanċ se jonqos it-telf. Erġajna għamilna proposta biex nikkonvinċu li l-BOV għandu jagħmel *buyback*, għax il-prezz fis-suq huwa ferm iktar baxx mill-NAV u iktar mir-*rights issue* li ħarġu li kien €1.43 u meta l-i*scrip dividend* kien €1.67. In-negozju fuq il-Borża ta' Malta huwa baxx ħafna bħalissa, u għaldaqstant kien issuġġerit min-naħa tal-MASS li ssir *buy-back* ta' €6 miljuni, biex is-suq jiġi elevat u hekk ngħinu lil dawk l-Azzjonisti li jkunu jridu joħorġu mill-Bank. Ir-risposta kienet li se jiddiskutu din il-proposta fil-laqgħat futuri tal-Bord.

Rigward il-multa li weħlu mill-FIAU, il-Bank irrikonoxxa li kien hemm ċerti nuqqasijiet u għalhekk ma kkontestawx; f'dak il-każ il-bank naqqas xi *bonuses* għal dan il-għan. Is-Sur Farrugia qal li llum tjiebu ħafna l-kontrolli tal-bank.



**Fit-8 ta' Novembru 2023**, wara nofsinhar, wħud mill-Kumitat tal-MASS attendejna għal laqgħa ma' studenta universitarju li qed tagħmel teżi fl-ewwel sena tal-Masters. Il-laqgħa saret fil-Lukanda Corinthia Ħ'Attard. Is-suġġett u d-domandi kienu fuq ir-remunerazzjoni tad-Diretturi fil-Kumpaniji.

**Fit-8 ta' Novembru 2023**, wara nofsinhar ukoll, l-istess membri ltaqgħu ma' Konsulent tal-għaqda tagħna, fejn iddiskutejna r-rwol tal-Assoċjazzjoni MASS kif ukoll intgħatajna xi pariri.

**Fit-13 ta' Novembru 2023**, membru mill-Kumitat tal-MASS, attenda għal seminar mid-Dipartiment tal-*Insurance u Risk Management* tal-Università ta' Malta, bis-suġġett: *The International Applied Social Science Congress* (C-iasos), u li nżammet fil-kampus tal-Università l-Qadima, il-Belt Valletta. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-estjoni tar-riskji finanzjarji fid-dinja diġitali, jiġifieri fejn jidħlu *crypto currencies*.

M&Z p.l.c. is a publicly listed company on the Malta Stock Exchange trading in fast-moving consumer goods. The portfolio includes reputable household names in **foodstuffs, home & personal care, baby & kids care, pet care** and **wines & spirits**.

***Just a few brands we're proud to represent...***



**Fil-15 ta' Novembru 2023**, filgħaxija, saret it-82 konferenza tal-MASS, fis-sala tal-Hilltop Gardens, ġewwa n-Naxxar. Il-kelliem għal din il-laqgħa kien is-Sur Patrick Spiteri bis-suġġett: *Trusts*. Għal din il-laqgħa l-attendenza ma kinitx kbira, imma s-suġġett kien interessanti ħafna; xhieda ta' dan kienu d-diversi mistoqsijiet li saru.



**Fis-16 ta' Novembru 2023,** filgħodu, wħud mill-Kumitat tal-MASS attendejna għal-laqgħa ġenerali straordinarja tal-Kumpanija MedservRegis li saret fil-Lukanda Radisson, San Ġiljan.

Riżoluzzjoni straordinarja: L-iskop ta' din ir-riżoluzzjoni huwa li jinkiseb il-kunsens tal-Azzjonisti biex jitnaqqas il-kont tal-*premium* tal-ishma tal-Kumpanija bil-ħsieb li: (a) jkun hemm tpaċija ta' telf fl-ammont ta' €28,634,512 u (b) jiġi nkluż ammont ta' €2,131,115 f'riżerva li għandha tintuża biex tpaċi telf futur tal-Kumpanija, jekk ikun hemm. B'din ir-riżoluzzjoni msemmija, 'il quddiem jistgħu jibdew jintgħataw dividendi.

**Fis-17 ta' Novembru 2023**, filgħaxija, wħud mill-membri tal-Kumitat tal-MASS ġejna mistiedna għall-*Awards Dinner* li tagħmel kull sena l-Borża ta' Malta. Dan l-avveniment sar fil-Lukanda Phoenicia, il-Furjana.

Tliet Professjonisti u Kumpanija ġew rikonoxxuti uffiċjalment waqt l-Ikla Annwali tal-Premjijiet tal-Borża ta' Malta (MSE) 2022, li saret fil-Lukanda Phoenicia nhar il-Ħamis 17 ta' Novembru. Il-Kap Eżekuttiv (CEO) ta' APS Bank p.l.c. u Ċermen tal-Malta Bankers' Association, is-Sur Marcel Cassar, kien mistieden tal-unur. Kienu preżenti mistednin distinti oħra, fosthom l-Onor. l-Ministru għall-Finanzi u l-Impjiegi, Clyde Caruana, kif ukoll Regolaturi, Professjonisti finanzjarji u Eżekuttivi li jirrappreżentaw diversi Kumpaniji elenkati fil-Borża ta' Malta. Aktar minn 150 persuna attendiet għall-avveniment.

Id-diskors tal-ftuħ sar miċ-Ċermen Eżekuttiv tal-MSE, is-Sur Joseph Portelli, li qal: "Konna kuntenti ħafna bl-attendenza rekord li kellna għal din l-ikla ta' *awards*. Hija xhieda ta' kemm saret popolari u hija opportunità għalina biex nagħrfu lill-partijiet interessati kollha li għenu lis-swieq kapitali tagħna jiffjorixxu."

Il-Ministru Clyde Caruana għamel diskors ewlieni, li matulu semma li minkejja l-klima ekonomika



attwali fl-Ewropa, huwa maħsub li l-ekonomija ta' Malta tkompli tikber fis-snin li ġejjin, għalkemm b'pass aktar kajman.

Il-Kap Eżekuttiv tal-APS Bank, Marcel Cassar, kien il-kelliem mistieden u ffoka fuq l-importanza tal-iżvilupp sostenibbli għat-tkabbir kontinwu tal-ekonomija Maltija.

Flimkien mal-premjijiet stabbiliti, intgħata premju ġdid din is-sena, jiġifieri l-Premju għall-Aħjar Dissertazzjoni. Dan intgħata lil Cassandra Victoria Axiaq għad-dissertazzjoni tagħha bit-titlu *Analysing the Tracking Errors of Sustainable Equity Exchange Traded Funds*. Il-premju ġie ppreżentat lis-Sinjura Axiaq mis-CEO tal-MSE, is-Sur Simon Zammit.

Il-premju tal-Kumpanija tas-Sena ntgħata lil Premier Capital p.l.c. Ġie ppreżentat lis-Sur Melo Hili, Kap Eżekuttiv tal-Premier Capital, miċ-Ċermen tal-Borża s-Sur Joseph Portelli.

Il-premju tal-Impjegat tas-sena ntgħata lis-Sa Marica Farrugia, Manaġer fl-Uffiċċju tal-Finanzi tal-MSE. Il-premju ġie ppreżentat mis-Sur Alfred Sammut, Uffiċjal Kap tar-Riżorsi Umani u s-Servizzi Korporattivi fl-MSE.

Il-*Lifetime Achievement Award* intgħata lis-Sur Paul Gauci, Fundatur u Deputat Ċermen Eżekuttiv ta' PG Group. Il-premju ġie ppreżentat mis-CEO tal-MSE, is-Sur Simon Zammit lis-Sur Charles Borg, il-Kap Eżekuttiv tal-PG Group, li aċċetta l-premju f'isem is-Sur Gauci li ma setax jattendi għall-attività.

**Fit-22 ta' Novembru 2023**, wara nofsinhar, saret laqgħa mis-Sotto-Kumitat tal-MASS ġewwa l-Lukanda Corinthia, Ħ'Attard. Din il-laqgħa saret biex niddiskutu xi mistoqsijiet u suġġerimenti li kellna nagħmlu fil-laqgħa li kellha ssir l-għada mal-MFSA.

**Fit-23 ta' Novembru 2023,** filgħodu, Delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS attendiet għal laqgħa mal-MFSA fil-kwartieri tagħhom ġewwa l-Imrieħel. Iltqajna maċ-Ċermen, is-Sur Jesmond Gatt u l-Kap Eżekuttiv tal-MFSA, is-Sur Kenneth Farrugia, fejn iddiskutejna u għamilna diversi mistoqsijiet u wkoll ressaqna xi suġġerimenti favur l-Azzjonisti ż-Żgħar jew Minoritarji.

Waqt din il-laqgħa ġejna nfurmati li l-MFSA qiegħda fuq ir-regolamenti tal-Banek u Kumpaniji tal-*insurance* biss. Rigward regolamenti tal-Kumpaniji l-oħra elenkati fil-Borża ta' Malta, irridu nkellmu lill-Malta Business Registry (MBR). Qalulna li 'l quddiem se jinbidlu jew jiġu emendati r-regolamenti fil-*Company's Act* u ssuġġerewlna biex aħna bħala MASS inressqu l-proposti tagħna.



**Fit-30 ta' Novembru 2023**, membru mill-Kumitat tal-MASS, attenda għal laqgħa onlajn, organizzata minn *Better Finance* tal-Ewropa, li l-MASS hija affiljata magħha. Is-suġġett kien: "*Will you afford to retire? How to ensure better pension adequacy*" fl-okkażjoni tal European Retirement Week. Il-membru pparteċipa u għamel xi mistoqsijiet.

**Fit-30 ta' Novembru 2023**, wara nofsinhar, saret laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. 8 membri tal-Kumitat kienu preżenti u 2 skużati.

Aġenda:

1. Qari tal-Minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Laqgħat (MBR)
5. *Policies* għall-Kumitat
6. Affarijiet Oħra

1. Qari tal-Minuti: Is-Segretarja Mary Farrugia qrat il-minuti tal-aħħar laqgħa. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati.

2. Riżultati mill-Minuti:

Tarcisio Barbara jinsab f'kuntatt mas-Segretarju tal-Forum għas-Segretarji tal-Kumpaniji sabiex iħeġġeġ Segretarji ta' Kumpaniji skedati biex jingħaqdu mal-Forum.

Saret il-konsenja tax-xogħol, li qabel kien isir minn Jean Pierre Caligari, lill-membru l-ġdid Joseph Mangion.

Is-Segretarju Ġenerali attenda għal laqgħa mal-Ministru għall-Anzjanità Attiva, Joe Etienne Abela, fejn ġiet diskussa l-kwistjoni taż-żjieda fit-tariffi postali. Madankollu ma ttieħdet l-ebda azzjoni oħra f'dan il-punt.

Għal-laqgħa mal-BOV attendew rappreżentanti tal-MASS. Ġiet diskussa l-kwistjoni importanti dwar ix-xiri lura (*Buy-Back*) u nisperaw li din id-deċiżjoni tittieħed mill-BOV peress li din tgħin fis-suq lokali.

Id-dokumenti kollha meħtieġa mitluba mill-MBR intbagħtu. Madankollu, xi dettalji minuri għadhom meħtieġa. Tarcisio Barbara qed jaħdem fuq din il-kwistjoni.

Sa issa, din is-sena nġabar numru sostanzjali ta'*sponsorships* mill-MASS. Aktar *sponsorships* huma mwiegħda minn Kumpaniji elenkati.

Rappreżentanti tal-MASS attendew laqgħa mal-MFSA. Kienu preżenti ċ-Ċermen, is-Sur Jesmond Gatt u s-CEO, Kenneth Farrugia. Il-MASS ressqet numru ta' proposti, iżda fejn jidħlu ċerti regolamenti dawn m'għadhomx jaqgħu taħt il-mandat tal-MFSA, iżda taħt l-MBR. L-MFSA tittratta biss regolamenti li jikkonċernaw Banek u Assigurazzjonijiet lokali. Il-MASS kienet infurmata li l-Att dwar il-Kumpaniji qed jiġi rivedut u se jitnieda perijodu ta' konsultazzjoni fil-futur qarib.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-MASS ippjanat laqgħa mal-MBR għad-9 ta' Jannar 2024 fil-11am fil-bini tagħhom fiż-Żejtun.

Membri mill-Kumitat kellhom laqgħa mas-Sur Michael Grech, *stockbroker* minn Għawdex, bil-possibbiltà li l-MASS tagħmel konferenza f'Għawdex.

Delegazzjoni mill-Kumitat iltaqgħet mal-istudenta Rachel Borg b'rabta mat-teżi tagħha tal-Università.

Id-djarji tal-2024 kienu lesti u kellhom jitqassmu lill-membri mħallsa fil-konferenza li jmiss.

Ġie ssuġġerit li l-MASS tibda torganizza żjarat ta' informazzjoni għall-membri tagħha fil-bini tal-Kumpaniji elenkati. Kevin Mizzi se jikkuntattja lill-Borża ta' Malta dwar il-possibbiltà li tiġi organizzata l-ewwel żjara bħal din għall-membri fil-bini tal-MSE.

3. Korrispondenza:

Waslet korrispondenza mill-MBR dwar xi dokumenti li għadhom jeħtieġu.

4. Laqgħat:

Ġie ssuġġerit li ssir laqgħa biex tlaqqa' l-i*stakeholders* fis-suq lokali tal-investiment li tinkludi *stockbrokers*, il-Borża ta' Malta u possibbilment ukoll il-Ministru għall-Finanzi. Ġie rrimarkat li l-Borża ta' Malta se tkun qed torganizza l-Konferenza Annwali tagħha ta' erbat ijiem bejn il-5 u t-8 ta' Marzu 2024. Il-MASS qed tistenna b'ħerqa din il-konferenza u se tieħu din l-opportunità biex tressaq il-proposti tagħha biex jerġa' jitqajjem is-suq lokali.

Intqal li se ssir konferenza mill-MASS fl-14 ta' Diċembru 2023 bit-tema 'Ħarsa lejn is-Suq Internazzjonali'. Din kienet se ssir fil-Lukanda Corinthia San Ġorġ f'San Ġiljan u l-Kelliem ikun is-Sur Josef Azzopardi.

Konferenza oħra kienet skedata għat-18 ta' Jannar 2024 bit-tema 'Ħarsa lejn is-Suq Lokali 2023'. Din kellha ssir fl-MSE u bil-kelliem ikun is-Sur David Pace Ross.

5. *Policies* għall-Kumitat:

Il-Kumitat iddiskuta l-*policies* ippreżentati mit-Teżorier, Marlene Zammit. Dawn il-*policies*, li jirrigwardaw l-ispejjeż li jagħmlu membri fil-Kumitat u li jkun meħtieġ li jiġu rimborżati, diġà ntbagħtu lill-membri kollha tal-Kumitat għall-konsiderazzjoni tagħhom. Wara diskussjoni fost il-membri preżenti din il-*policy* ġiet approvata minn kulħadd. Dawn l-ispejjeż ikunu koperti mill-irċevuti relattivi u l-eċċezzjonijiet jiġu approvati mill-President u kontrofirmati minn membru ieħor.

Ivvjaġġar Barra: L-Aġent President ippreżenta verżjoni riveduta tal-politika tal-ivvjaġġar barra l-pajjiż. Il-membri kollha preżenti approvaw din il-politika.

Il-*policies* ta' hawn fuq daħlu fis-seħħ mid-data ta' din il-laqgħa 30 ta' Novembru.

6. Affarijiet Oħra:

Ġie deċiż li l-ikla annwali tal-MASS din is-sena ssir fil-21 ta' Jannar 2024, fil-Lukanda Radisson jew fil-Lukanda San Ġorġ Corinthia, it-tnejn f'San Ġiljan. Kevin Mizzi kien se jirranġa għall-post.

Il-laqgħa tal-Kumitat spiċċat fis-6.20pm.

**Fl-14 ta' Diċembru 2023,** filgħodu, wħud mill-Kumitat tal-MASS attendew għal-laqgħa ġenerali straordinarja tal-Kumpanija Malita, li saret fil-Lukanda Palace, Tas-Sliema. Din il-laqgħa kienet imsejħa biex il-Kumpanija tikseb l-approvazzjoni tal-Azzjonisti, sabiex fil-futur qarib ikun hemm *rights issue* u għaldaqstant biex jiġu approvati r-riżoluzzjonijiet abbinati magħha.

Fil-bidu saret preżentazzjoni mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sa Jennifer Falzon, fejn qalet li l-proġetti li għaddejjin jikkonsistu f'752 residenza, 502 garaxxijiet u 186 spazju ta' karozza. Wħud minn dawn il-proġetti huma lesti u l-kumplament se jsiru matul din is-sena 2024 u s-sena 2025. Il-proġetti huma stmati li se jiswew €120 miljun: dawn jikkonsistu fi €58 miljun self mill-banek li diġà qiegħed hemm, €30 miljun oħra mill-banek ġew approvati diġà u se joħorġu €33 miljun f'*rights issue* u dawn huwa maħsub li se joħorġu fl-ewwel kwart tal-2024. Il-Bord huwa kunfidenti li se jibqa' jżomm id-*dividend policy* li għandu. Intqal li mill-IPO sa dak inhar, il-Kumpanija ħallset 38c5 f'dividendi gross. Fl-aħħar ta' din il-laqgħa twieġbu diversi mistoqsijiet minn dawk preżenti. Ir-riżoluzzjonijiet għaddew kollha.






**Fl-14 ta' Diċembru 2023**, filgħaxija**,** saret it-83 konferenza tal-MASS, fil-Lukanda Corinthia, San Ġorġ, San Ġiljan. Il-Kelliem għal din il-laqgħa kien is-Sur Josef Luke Azzopardi CPA CFA, bis-suġġett "Ħarsa lejn is-Suq Internazzzjonali" (2023). Waqt din il-laqgħa tqassmu d-djarji tal-MASS għas-sena 2024.





**Fis-6 ta' Jannar 2024,** filgħaxija, il-membri tal-Kumitat tal-MASS, kienu mistiedna mill-Bank BOV għall-*party* annwali, fil-Casino Maltese, il-Belt Valletta. Kif dejjem ngħidu, waqt dawn il-bibiti, il-Kumitat tal-MASS jagħmel għadd ta' kuntatti ma' diversi Kumpaniji kif ukoll ma' *Stockbrokers* u personalitajiet oħra u dan biex inkomplu ntejbu l-qagħda tal-Investitur iż-żgħir.




**Fid-9 ta' Jannar 2024,** filgħodu, Delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, kellha laqgħa mal-Malta Business Registry (MBR), fl-uffiċċji tagħhom iż-Żejtun. Iltqajna mal-Kap Eżekuttiv u Uffiċjali oħra minn din l-Awtorità. Waqt din il-laqgħa, il-MASS ressqet diversi proposti biex inkomplu ntejbu s-suq lokali u l-qagħda tal-Investitur iż-żgħir.

**Fl-10 ta' Jannar 2024,** wara nofsinhar, saret laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. 7 membri tal-Kumitat kienu preżenti u 3 skużati.




Il-laqgħa bdiet fl-4.00 pm bl-aġenda li ġejja:

1. Qari tal-Minuti tal-aħħar laqgħa
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Laqgħat mal-Kumpaniji
5. Affarijiet Oħra

1. Qari tal-Minuti:

Il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat inqraw mill-Aġent-President. Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-minuti u għaldaqstant ġew approvati u ffirmati.

2. Riżultati mill-Minuti:

Kevin Mizzi qed jiddiskuti mal-Borża ta' Malta għal żjara bi gwida fil-post.

Tarcisio Barbara reġa' għamel kuntatt mal-Forum tas-Segretarji tal-Kumpaniji (CoSec Forum), biex jgħaddulna lista tal-Membri f'dan il-Forum, sabiex il-MASS tħeġġeġ lill-kumplament tal-Kumpaniji jidħlu f'dan il-Forum u dan sabiex ikun hemm aktar koordinazzjoni fil-laqghat ġenerali tal-Kumpaniji, b'mod speċjali biex ma jsirux fl-istess ġurnata u ħin.

Il-membri diġà ġew avżati bil-Konferenza tal-MASS li kien maħsub li ssir fit-18 ta' Jannar, 2024.

Kevin Mizzi kiteb lill-BOV dwar il-proposta *Buy Back* li tressqet minna fil-laqgħa li l-MASS kellha mal-BOV fil-House of Four Winds, fil-Belt Valletta, fl-1 ta' Novembru, 2023.

Il-MASS tkellmet maċ-Ċermen u l-Kap Eżekuttiv tal-Borża ta' Malta dwar l-istedina possibbli tal-membri tal-Kumitat MASS għall-Konferenza GRC imnedija mill-Borża ta' Malta. Iċ-Ċermen tal-Borża kkonferma li wara t-tmiem tal-Konferenza tal-GRC se jiltaqa' personalment mal-Kumitat tal-MASS.

Il-Konferenza tal-MASS tal-14 ta' Diċembru 2023 saret kif skedat fil-Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan.

It-Teżorier, Marlene Farrugia, ikkonfermat li l-MASS irċeviet numru sabiħ ta' *sponsorships* fl-2023. Għas-sena 2024 ġew ukoll ikkonfermati numru ieħor ta' *sponsorships*.

Tarcisio Barbara kkonferma li kien bagħat id-dokumenti mitluba mimlija lill-MBR.

3. Korrispondenza;

'Shift News' bagħtet lill-MASS sett ta' mistoqsijiet dwar il-bejgħ tal-BOV ta' portafoll ta' self li ma tħallasx. Dawn twieġbu kif suppost mill-MASS.

4. Laqgħat mal-Kumpaniji:

Dan il-punt ma ġiex diskuss f'din il-laqgħa.

5. Affarijiet Oħra:

Tarcisio Barbara stqarr li qed titħejja *Newsletter* Nru. 79 għal Jannar, 2024.

Ġie deċiż li l-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS issir fl-14 ta' Marzu, 2024. Il-Kumitat iddiskuta diversi postijiet fejn tista' ssir.

Il-laqgħa spiċċat fis-5.45 pm.



**Fit-12 ta' Jannar 2024**, wara nofsinhar, żewġ persuni mill-Kumitat tal-MASS ġew mistiedna mill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali għall-*party* annwali li sar fis-sala tal-Bank Ċentrali, il-Belt Valletta. Bħas-soltu f'din il-laqgħa kellna kuntatti ma' diversi personalitajiet.



**Fil-15 ta' Jannar 2024,** wara nofsinhar, Delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS kienet mistiedna għal laqgħa mill-Kumpanija VBL, fil-Casino Maltese, il-Belt Valletta. Iċ-Ċermen tal-Bord, Dr. Geza Szephalmi, għamel introduzzjoni qasira. Wara l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur Julian Tzvetkov, għamel preżentazzjoni fuq il-kontijiet tal-Kumpanija. Imbagħad l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Dr Andrei Imbroll, għamel preżentazzjoni fuq l-iżviluppi tal-Kumpanija. Wara kien imiss l-Uffiċjal Kap Operattiv, is-Sur Stephen Clough, li għamel preżentazzjoni fuq ix-xogħlijiet li għaddejjin. Fl-aħħar, is-Sur Tzvetkov ta ħarsa 'l quddiem dwar fejn trid tasal il-Kumpanija. Fl-aħħarnett kien hemm il-mistoqsijiet minn dawk preżenti.

**Fit-18 ta' Jannar 2024**, filgħaxija saret l-84 konferenza tal-MASS; saret fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. Il-Kelliem kien is-Sur David Pace Ross, mill-BOV, bis-suġġett: "Ħarsa ġenerali lejn is-Suq Lokali" (2023). Dan is-suġġett dejjem qajjem ħafna interess, il-għaliex is-Sur Pace Ross jagħti








l-andament ta' matul is-sena tal-Kumpaniji kollha elenkati bi preżentazzjoni. Dawk preżenti għamlu diversi mistoqsijiet li kollha ġew imwieġba mill-Kelliem. Wara, din il-preżentazzjoni interessanti ntbagħtet lill-membri kollha tal-MASS bl-imejl.

**Fil-21 ta' Jannar 2024,** f'nofsinhar, il-membri tal-Kumitat tal-MASS, flimkien ma' membri oħra attendew għall-ikla annwali li l-MASS torganizza kull sena f'Jannar. Din saret fil-lukanda Radisson San Ġiljan. L-ikel, flimkien mad-diżerta, kien abbundanti u kulħadd ħareġ sodisfatt.



**Fil-25 ta' Jannar 2024**, filgħaxija, il-membri tal-Kumitat tal-MASS, ġejna mistiedna mill-Bank HSBC għall-*party* annwali. Dan sar f'Palazzo Parisio, in-Naxxar.

**Fit-30 ta' Jannar 2024**, filgħodu, 2 membri mill-Kumitat tal-MASS, attendew għal laqgħa ta' informazzjoni mill-Kumpanija Loqus, fl-uffiċċji tagħhom f'Birkirkara. Min-naħa tal-Kumpanija kien hemm preżenti l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Joe Fenech Conti, flimkien mal-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sa Marie Claire Portelli, li tawna spjegazzjoni dettaljata ta' kif marret il-Kumpanija sa għeluq is-sena finanzjarja li tagħlaq fit-30 ta' Ġunju 2023.

**Fil-31 ta' Jannar 2024,** filgħodu, membri mill-Kumitat tal-MASS, attendew għal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija Loqus u li saret fil-Kamra tal-Kummerċ, il-Belt Valletta. Iċ-Ċermen tal-Kumpanija, is-Sur Walter Bonnici, fetaħ il-laqgħa billi qara l-messaġġ tiegħu.

Imbagħad l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Joe Fenech Conti, għamel preżentazzjoni tas-sena li bdiet fl-1 ta' Lulju 2022 u ntemmet fit-30 ta' Ġunju 2023. Huwa qal li r-riżultati kienu mhux ħażin, ix-xogħol baqa' jiżdied u l-impjegati baqgħu jiżdiedu wkoll, u bħalissa jlaħħqu 170. Il-*cash flow* baqa' jiżdied u qed jagħmlu 12-il miljun transazzjoni fix-xahar. Il-Kumpanija qed timmira li jkollha miljun transazzjoni kuljum. Qal li żdiedu ftehimiet ma' Kumpaniji ġodda u issa għandhom xogħol ġo 12-il pajjiż. Il-ftehimiet li qed jagħmlu huma kollha fit-tul. Ir-*Royal Mail* tal-Ingilterra hija l-aħjar waħda u hemm ftehimiet oħra mal-Polonja. Fil-futur se jibdew jibbenefikaw mill-introjtu li se jiżdied. Minbarra t-12-il pajjiż, qed






jaħdmu fuq diversi pajjiżi oħra. Fuq ix-xogħol ta' Malta, dan baqa' għaddej u reġgħu ġġeddu l-kuntratti. Rigward l-impjegati għandhom 21 nazzjonalità, 110 mill-ħaddiema jaħdmu Malta u l-età tagħhom fil-maġġoranza hija bejn 30 u 40 sena. Il-Kumpanija wkoll qed taħdem fuq l-*Environmental Social Governance* (ESG) u fuq dan is-suġġett dejjem kienu minn ta' quddiem. Il-Kumpanija għandha *track record* tajjeb ħafna fejn jidħol l-ambjent. Mil-lat soċjali jgħinu ħafna fejn tidħol id-diżabilità u anke issa fis-saħħa mentali. Wara, is-Sur Conti għadda biex jitkellem fuq il-finanzi u qal li f'dawn l-aħħar snin id-dħul żdied għal kważi €11-il miljun. Imbagħad ta ħarsa 'l quddiem fejn qal li l-Kumpanija trid tibqa' tikber.

Fl-aħħar saru diversi mistoqsijiet minn dawk preżenti. L-ewwel waħda kienet fuq kif l-AI se timpatta l-Kumpanija. Ir-risposta kienet li l-AI fil-Kumpanija ilha tintuża u bl-AI il-ħaddiema jaħdmu aħjar; hu serraħ ras dawk preżenti li l-AI mhix se tissostitwixxi l-ħaddiema. Mistoqsija oħra kienet fuq it-telf akkumulat u jekk hux se jkun hemm xi ħjiel li se jkun hemm dividend wara 23 sena li ilha mwaqqfa l-Kumpanija. Fir-risposta tiegħu, is-Sur Conti qal li kollox kien irrapportat fid-dikjarazzjoni finanzjarja; bħalissa t-telf niżel għal €1.8 miljun minn €7 miljuni. Id-dividend ma jistax jintgħata sakemm jitneħħa t-telf ta' €1.8 miljun.

Kien hemm mistoqsija oħra fuq ir-*Royal Mail* tal-Ingilterra. Hawnhekk il-Kelliem ta spjegazzjoni ta' kif din taħdem. Xi ħadd ieħor staqsa fuq ir-rapporti tal-Kumpanija, jekk jistgħux jintgħataw kull 3 xhur, biex b'hekk l-Azzjonisti jkunu nfurmati bl-iżvilupp u l-progress li jkun għaddej. Fir-risposta tiegħu, is-Sur Conti qal li diġà qed jagħmlu 3 rapporti kull sena, però, wiegħed li se jiddiskuti mal-Bord biex iżidu dawn ir-rapporti. Mistoqsija oħra kienet jistax isir rapport qasir tal-andament u l-finanzi tal-Kumpanija u jintbagħat lill-Azzjonisti, u staqsa wkoll fuq il-kontijiet. Il-Kap Eżekuttiv qal li se jiddiskutu biex jaraw jistgħux jagħtu xi tip ta' informazzjoni. Qal ukoll li minħabba djun li hemm bħalissa ma jistgħux jagħmlu investimenti.

Is-Sur Walter Bonnici fl-aħħar għamel ir-rimarki tal-konklużjoni, inqara r-rapport tal-Awdituri u tressqu 4 riżoluzzjonijiet. Dawn għaddew kollha mill-Azzjonisti preżenti.



# X'jixtiequ l-Investituri ż-Żgħar biex jaraw is-Suq Lokali tal-Ishma jitjieb?

*Artiklu mill-MASS*

Nixtiequ nwasslu t-tħassib tal-membri tagħna tal-MASS f'dan il-mument, kif ukoll tal-eluf ta' Investituri żgħar, li minkejja l-ġid kollu li qed jiġġenera pajjiżna, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ fil-Borża ta' Malta, mhux qed jiġi rifless b'mod favorevoli fuq l-Azzjonisti Minoritarji.

Il-MASS targumenta li hemm diversi miżuri li jistgħu jittieħdu biex itaffu dan it-tnaqqis fit-transazzjonjiet u t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-ishma, li qed jagħmel ħsara kbira lill-Investituri ż-żgħar u b'mod partikolari lill-pensjonanti. Il-MASS ressqet diversi proposti lill-*Malta Financial Services Authority* (MFSA) u lill-*Malta Business Registry* (MBR), kif ukoll lil xi Awtoritajiet oħra, li jekk jiġu adottati, nemmnu li jkun hemm aktar fiduċja fis-suq. Fl-aħħar ġranet tas-sena li għaddiet rajna titjib konsiderevoli fuq is-suq tal-ishma, imma hekk kif bdiet din is-sena qisu erġajna morna xi ftit lura.

Il-MASS qed tressaq dawn id-9 suġġerimenti jew proposti:

1. Il-Kumpaniji għandhom jagħmlu iżjed komunikazzjoni mal-Azzjonisti. Għandhom jiġu riveduti r-regolamenti tal-Kumpaniji elenkati fil-Borża ta' Malta u joħorġu aktar komunikazzjonijiet dwar il-qagħda tagħhom u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom kull 3 xhur. Dan jgħin ħafna lill-Investitur jagħmel l-analiżi tiegħu dwar il-Kumpanija u jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu dwar ix-xiri jew il-bejgħ tal-ishma. Hemm diversi Kumpaniji li diġà qegħdin jagħmlu dan ix-xogħol; biex nagħtu eżempju: il-*Malta International Airport* toħroġ rapport kull xahar fuq l-andament tal-Kumpanija tax-xahar ta' qabel. L-Azzjonisti ma jistennewx li l-Kumpaniji jagħtu rapport kull xahar, imma żgur għallinqas jagħtu rapport kull 3 xhur.

2. Fil-Kumpaniji għandu jkun hemm governanza b'saħħitha, għax b'din hemm potenzjal li s-suq ikompli jissaħħaħ. Dawk il-Kumpaniji li sena wara sena qed jagħmlu telf u ma jkunux jistgħu jagħtu dividend lill-Azzjonisti, għandhom jiġu mħeġġa biex jaraw x'jagħmlu ħalli din is-sitwazzjoni tinbidel u titjieb. Huwa fl-interess tal-Azzjonisti kollha li l-Kumpanija tagħmel profitt u b'hekk jitqassam id-dividend.

3. Irridu nħeġġu aktar persuni żgħar fl-età biex jibdew jinvestu fl-ishma u b'hekk jaħsbu għall-quddiem għal meta jikbru fl-età. Nissuġġerixxu li parti mill-*pension plan* li l-Kumpaniji tal-Assikurazzjoni jbigħu, jibdew jinvestuha fis-suq lokali, b'mod speċjali fis-suq tal-ishma, għax hekk fis-suq jista' jkun hemm aktar attività.

4. Hemm il-bżonn ukoll li f'dawn il-Kumpaniji elenkati fil-Borża ta' Malta, tintuża aktar il-lingwa Maltija, speċjalment fir-rapporti taċ-Ċermen u l-Kap Eżekuttiv fir-rapporti annwali.

5. Naqblu wkoll meta Kumpaniji jagħtu inċentivi lis-CEO bħal: biex jagħtu *performance bonus* jew *bonus shares*, meta l-Kumpanija żżid il-profitt u b'hekk is-CEO jistinka biex il-Kumpanija tmur għall-aħjar, bir-riżultat li l-Azzjonisti jibbenefikaw ukoll.

6. Meta l-Kumpaniji joħorġu offerta ta' IPO b'ishma skontati lill-impjegati tagħhom, għandu jkun hemm perijodu ta' sena jew sentejn, qabel ma jkunu jistgħu jiddisponu mill-ishma li jkunu ntgħataw. Dan sabiex jipprevjenu li l-prezz tas-sehem fis-suq jaqa', kif diġà kellna każi.

7. Ir-regolamenti, dwar il-qligħ fil-valur tal-proprjetà, iridu jiġu aġġornati.

8. Irridu nibdew naraw il-*buy-backs*, bħalma jsir fuq ishma Internazzjonali, speċjalment meta l-prezzijiet tal-ishma jkunu baxxi ħafna u inqas min-*Net Asset Value* (NAV). Dan ukoll jgħin lis-suq biex il-prezz tas-sehem ma jaqax, u min ikun irid jillikwida jkun jista' jagħmel dan.

9. L-Azzjonisti Minoritarji għandhom id-dritt li jinnominaw jew jeleġġu Direttur fuq il-Kumpaniji elenkati liberament u mingħajr impożizzjonijiet tal-Azzjonist Maġġoritarju. Jiġri kważi regolarment li ċ-Ċermen ikollu ammont sostanzjali ta' voti miġbura bħala prokuri minn fost il-"Fondi" lokali, u dawn jiġu vvutati sabiex jiġu eletti aktar Diretturi li jħarsu l-interessi tal-Azzjonist Maġġoritarju u b'hekk l-Azzjonist iż-żgħir ma jista' qatt isemma' leħnu fuq xi Bord. Il-prattika li ċ-Ċermen tal-Kumpanija l-voti ta' prokura jagħtihom lil min irid, trid tintemm, biex ikun hemm bilanċ fost id-Diretturi. Dan

għaliex dejjem qed naraw kważi l-istess nies fuq il-Bordijiet. Il-Kumpaniji jiġu għand l-Azzjonisti minoritarji biex jitolbuhom joħorġu flushom u jinvestu fil-Kumpanija, imbagħad meta persuna mill-Azzjonisti Minoritarji li jkollha ċerti kwalifiċi tiġi biex tikkandida ruħha biex tkun Direttur fuq il-Bord, il-maġġoranza kbira tal-Kumpaniji jagħlqulha l-bieb. Dawn il-każi diġà ġraw diversi drabi u din il-prassi għandha tinbidel.

Inżidu wkoll li l-avviż għas-sejħa għan-nomini tad-Diretturi, jibdew isiru wkoll fuq l-avviżi tal-Borża ta' Malta u mhux biss fuq 2 gazzetti. Wħud mill-Kumpaniji dan diġà qed jagħmluh, imma dan għandu jkun b'obbligu, għax illum il-gazzetti ftit huma n-nies li qegħdin jarawhom. Għandu jiġi estiż ukoll iż-żmien tas-sejħa, biex dawk li se jkunu se jinnominaw ruħhom għal Direttur, ikollhom aktar ħin għall-ġbir tal-voti minn fost Azzjonisti Minoritarji.

Min-naħa l-oħra, l-Azzjonisti Minoritarji għandhom joqogħdu attenti, biex meta jiġu għal xi votazzjonijiet, l-ewwel għandhom jagħtu preferenza lil xi ħadd li qed joħroġ f'isimhom.

Biex nikkonkludu u nsaħħu l-argumenti kollha li qed nagħmlu, se nagħtukom paragun ta' x'ġara fis-sena 2006 fil-Borża ta' Malta u nqabbluh mas-sena 2022 – 16-il sena wara.

| | | |
|---|---|---|
| **2006** | **Transazzjonjiet fuq ishma saru** | **30,199** |
| | **Numru ta' ishma li nbigħu** | **29,913,263** |
| | **Valur totali** | **€ 192,102,246** |

Fl-2006, il-Borża ta' Malta laħqet il-quċċata u l-valur bejn wieħed u ieħor ta' kull sehem innegozjat kien ta' €6.42ċ. Fuq is-suq dakinhar kien hemm 15-il Kumpanija elenkata.

| | | |
|---|---|---|
| **2022** | **Transazzjonjiet fuq ishma niżlu għal** | **5,222** |
| | **Numru ta' ishma li nbigħu** | **33,136,294** |
| | **Valur totali** | **€ 31,980,165** |

Fl-2022 in-negozju fil-Borża ta' Malta niżel fl-agħar post u l-valur bejn wieħed u ieħor ta' kull sehem innegozjat kien ta' €0.97ċ. Fuq is-suq dakinhar kien hemm 33 Kumpanija elenkata.

Jekk tqabblu taraw li t-transazzjonijiet fl-2022 niżlu għal 1 minn 6, kif ukoll anke l-valur 1 minn 6. Kull sehem ukoll ġie jiswa 1 minn 6. In-numru ta' ishma nnegozjati żdied bi ftit, imma rridu ngħidu li l-Kumpaniji elenkati aktar minn irduppjaw. Dawn il-figuri huma meħudin mil-lista uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

Tajjeb ngħidu wkoll li fis-sena 2023 sar xi ftit progress, imma żgur 'il bogħod ħafna minn dak li l-Azzjonisti jixtiequ. Qabel konna naraw l-ishma fuq l-IPO jinħatfu fi ftit ħin u llum bilkemm jinbiegħu kollha, anke jekk jiżdied il-perijodu tal-bejgħ.

Aħna, bħala MASS, qed nagħmlu dak kollu possibbli biex naraw is-suq jitjieb, imma intom l-Awtoritajiet u Diretturi fil-Kumpaniji, kif ukoll il-Gvern, x'qegħdin tagħmlu biex dan is-suq narawh jitjieb u jikber? Nittamaw li fix-xhur li ġejjin, hekk kif sirna nafu li se jsir xi tibdil fil-*Company's Act*, jiġu implimentati diversi proposti li qegħdin nagħmlu u jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji ħalli dan is-suq lokali ntejbuh, għall-ġid tal-eluf ta' Investituri li għandhom 'il fuq minn 70,000 kont irreġistrat mal-Borża ta' Malta, li bħalissa qed ibatu minn nuqqas ta' dħul. Hemm bżonn li jittieħdu d-deċiżjonjiet minnufih u dan qabel ma ħafna Azzjonisti jirrikorru għas-suq Internazzjonali b'detriment għas-suq lokali.



Malta Association of Small Shareholders VO/0629
C/O Malta Stock Exchange Plc.
Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063
E-mail: info@mass.org.mt
Website: www.mass.org.mt
Mob. 99494878

Data 1 ta' Marzu 2024

Ċirkolari-Avviż għall-Laqgħa Ġenerali Annwali (LĠA) tal-MASS 2024

Għażiż/a Membru,

Wasalna fi tmiem ta' Kumitat ieħor. Dan jinbidel jew jiġi kkonfermat kull sena. Din il-laqgħa tkun ta' importanza kbira għax fiha jingħata rendikont ta' dak li sar fl-aħħar sena. Jingħata wkoll ir-rapport finanzjarju. Fl-aħħar issir il-ħatra tal-Kumitat il-ġdid tal-MASS. Qabel tibda l-laqgħa, sakemm ikollna l-kworum, ikollna ħin għad-diskussjoni biex intom il-membri tkunu tistgħu titkellmu fuq xi esperjenzi li kellkom f'dawn l-aħħar xhur.

Inħeġġiġkom tagħmlu s-suġġerimenti u l-kritika tagħkom u min jixtieq, sa ġurnata qabel il-laqgħa, jista' jressaq xi emendi jew mozzjonijiet għall-Istatut.

Il-laqgħa se ssir:

Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024, fil-Hilltop Gardens, in-Naxxar fis-6.00 pm. (Parking provdut).

Inħeġġeġ lil dawk li jħossu li jistgħu jagħtu sehemhom fil-Kumitat il-ġdid, biex jersqu sabiex jiġu nominati. Għal dan il-għan, hawn taħt tistgħu tinnominaw u tissekondaw membri għall-Kumitat il-ġdid biex imexxi fis-sena li ġejja.

Dejjem Tiegħek,

______________

Tarcisio Barbara
PRO

Nominazzjoni għall-Elezzjoni għall-Membri tal-Kumitat.
Malta Association of Small Shareholders VO/0629
Laqgħa Ġenerali Annwali Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024.
Il-Kandidat u min jipproponieh, iridu jkunu membri li ħallsu t-tessera għall-2023
(IKTEB B'ITTRI KBAR)

Nipproponu lil: ______________________________
Propost minn: ______________________________
Firma ______________________ I.D. No ______________
Sekondat minn: ______________________________
Firma ______________________ I.D. No. ______________

…….. ……………………………………………………………………………………………

Jiena, (KANDIDAT) ______________________________
Naċċetta li nkun kandidat għall-Elezzjoni tal-Kumitat 2024 u li nimxi skont l-Istatut tal-MASS.
Firma ______________________ I.D.No ______________
Data ______________________

L-applikazzjoni tista' tibgħatha bil-posta, jew skenjata u mibgħuta b'imejl lil: info@mass.org.mt.
Applikazzjonijiet jintlaqgħu għand il-Kumitat sal-17:00 ta' nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu 2024.

______________________________________________

Għall-użu tal-Kumitat:

Il-Formola tal-Applikazzjoni waslet għand is-Segretarja nhar ______________________

Il-persuni ffirmati hawn fuq huma tassew membri bit-tessera mħallsa u għalhekk il-kandidat imsemmi jista' jikkontesta l-elezzjoni għall-Kumitat 2024.

# Appell għal-Laqgħa Ġenerali tal-MASS

**Alfred Portelli, Agent President**



Nixtieq nappella u nħeġġeġ lill-membri tal-MASS, sabiex fl-14 ta' Marzu 2024, tattendu għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tagħna tal-MASS, li se ssir fis-6.00 pm fil-Hilltop Gardens, in-Naxxar.

Inħeġġiġkom tikkontestaw għall-Kumitat, u l-attendenza tagħkom fil-laqgħa lilna tagħmlilna iżjed kuraġġ biex inkomplu naħdmu sabiex nipproteġu l-investitur iż-żgħir. Ma ninsewx ħidmet l-Assoċjazzjoni, u li fl-għaqda hemm is-saħħa. Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-attendenza.

# Avviżi

## KONFERENZA TAL-MASS - MARZU

**Data:** It-Tlieta 5 ta' Marzu 2024 **Ħin:** fil-17:30

**Suġġetti u Kelliema:** Aġġornament qasir tas-Swieq ta' Lokali u Internazzjonali mis-Sur Jordan Portelli, Chief Investment Officer minn Calamatta Cuschieri (Moneybase).

Is-Sur Simon Law, Head of Customer Experience, se jkellimna fuq kif taħdem il-platform ta' Calamatta Cuschieri (Moneybase) u l-benefiċċji tagħha.

Is-Sur Arthur Azzopardi, Chief Officer - GO Business se jagħti ħarsa lejn il-Kumpanija GO (An overview of GO Company).

**Post:** Calamatta Cuschieri, Birkirkara

**Postijiet limitati u għaldaqstant kull min se jattendi jrid jibbukkja jew b'imejl, messaġġ, jew mobajl 99494878.**

## Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MASS

**Data:** Il-Ħamis 14 ta' Marzu 2024 **Ħin:** fis-18:00

Jingħataw ir-Rapporti tal-Ħidma u Rendikont Finanzjarju tal-MASS.

Jinħatar Kumitat ġdid għas-sena 2024/2025

**Post:** Hilltop Gardens, Naxxar.

**Kull min se jattendi jrid jibbukkja jew b'imejl, messaġġ, jew mobajl 99494878.**

### MEMBERSHIP APPLICATION FORM (IKTEB B'ITTRI KBAR)

Nixtieq insir membru / inġedded is-sħubija tal-**Malta Association of Small Shareholders**.

Isem u kunjom: ____________________

Indirizz: ____________________

Kodiċi Postali: ____________ ID: ____________

Tel ____________ Mowbajl____________ Imejl: ____________

Qed nibgħat ċekk ta' €_____, f'isem il-Malta Association of Small Shareholders.

MASS C/O Malta Stock Exchange Plc. Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

**Jien niddikjara li nimxi skont l-Istatut u l-aġġornamenti tiegħu.**

**Statut jinsab fuq il-Website tal-MASS**

FIRMA: ____________ DATA: ____________

**Il-ħlas għas-sħubija:**
**Sentejn – EUR 10.00**
**Ħames snin – EUR 20.01**
**50% skont lill-istudenti**

*L-INFORMAZZJONI KOLLHA TINŻAMM SKONT ID-'DATA PROTECTION ACT'.*

## Companies Supporting the Malta Association of Small Shareholders (MASS)

PLATINUM

MALTA STOCK EXCHANGE

GOLD

BOV Bank of Valletta

INTERNATIONAL HOTEL INVESTMENTS P.L.C.

HSBC

SILVER

MIDI

HILI PROPERTIES

MAPFRE MIDDLESEA

moneybase

HARVEST

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

Convenience Online

Jesmond Mizzi Financial Advisors

LOQUS BUSINESS INTELLIGENCE

Plaza The Shopping Centre

SANTUMAS SHAREHOLDINGS plc

MEDSERV

REGIS

FIMBANK

BRONZE

VBL Group

Main Street Shopping Complex • Paola

AX GROUP

MALITA INVESTMENTS

PG plc

malta post

THE POINT SHOPPING MALL

M&Z

LOMBARD

Malta Properties

Farsons Brewers & Bottlers